

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 688/2011

tat-18 ta' Lulju 2011

li jidderoga, għas-sena 2011, mir-Regolament (KE) Nru 501/2008 billi jistabbilixxi kalendarju addizzjonali għall-preżentazzjoni u l-għażla tal-programmi ta' informazzjoni u promozzjoni tal-frott u l-ħxejjex friski fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

jissaħħu l-possibbiltajiet ta' esportazzjoni ta' frott u ħxejjex friski prodotti fl-Unjoni lejn pajjiżi terzi.

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 3/2008 jipprovdi li s-setturi jew prodotti li jistgħu jiġu koperti bl-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni, ifffinanzjati kompletament jew parzjalment mill-baġit tal-Unjoni, huma determinati billi tiġi kkunsidrata, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jiġu affrontati problemi speċifiċi jew ekonomiċi f'settur partikolari.
- (2) L-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 3/2008 jipprovdi li l-prodotti li jistgħu jiġu koperti bl-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni, ifffinanzjati kompletament jew parzjalment mill-baġit tal-Unjoni u li għandhom jitwettqu fil-pajjiżi terzi huma l-aktar dawk li għalihom jeżistu l-possibbiltajiet ta' esportazzjoni jew ta' bejgħ ġodda, b'mod partikolari mingħajr l-għoti ta' rifużjonijiet.
- (3) Is-settur tal-frott u l-ħxejjex friski huwa milqut minn kriżi mingħajr preċedent minħabba epidemija kkawżata mill-batterju *Escherichia coli*. Din l-epidemija ħolqot kriżi fiduċja tal-konsumaturi li sarrfet fi tnaqqis sostanzjali tal-konsum. Għaldaqstant huwa xieraq li tissaħħa il-fiduċja tal-konsumaturi fil-frott u l-ħxejjex friski kkultivati fl-Unjoni.
- (4) Din il-kriżi fil-fiduċja kkawżat ukoll diffikultajiet ekonomiċi kbar ħafna, li jistgħu jipperikolaw is-sopravivenza ekonomika ta' għadd kbir ta' azjendi fil-qasam tal-frott u l-ħxejjex friski tal-Unjoni. Għaldaqstant huwa xieraq li

- (5) F'dan il-kuntest, jidher li huwa utli li tkun offruta l-possibbiltà lil dawk l-organizzazzjonijiet professjonali fil-qasam tal-frott u l-ħxejjex friski li dawn jibbenefikaw minn kofinanzjament tal-Unjoni fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 3/2008, u li għal dan il-għan fil-ġimgħat li ġejjin ikunu jistgħu jiġu introdotti, programmi ta' informazzjoni u promozzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fid-dawl tal-għażla tagħhom, u jekk ikun il-każ, tal-adozzjoni tagħhom mill-Kummissjoni qabel tmiem din is-sena. Dawn il-programmi jistgħu jiġu ppreżentati lil hinn mill-andament annwali ta' adoxxjoni tal-programmi u mill-kalendarju ordinarju stabbilit mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 501/2008 tal-5 ta' Ġunju 2008 dwar termini u kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 rigward azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi ⁽²⁾ fl-Artikoli 8 u 11 tiegħu.
- (6) Għaldaqstant għas-sena 2011, għandha ssir deroga, fir-rigward tal-programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni tal-frott u l-ħxejjex friski maħsuba għas-suq intern u l-pajjiżi terzi, mir-Regolament (KE) Nru 501/2008.
- (7) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma ta l-ebda opinjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għas-sena 2011 u mingħajr preġudizzju għall-kalendarju annwali ordinarju pprovdut fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(1) u fl-Artikolu 11(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 501/2008, il-kalendarju addizzjonali li ġej għandu jiġi applikat għall-programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni tal-frott u l-ħxejjex friski maħsuba għas-suq intern u l-pajjiżi terzi:

⁽¹⁾ ĠU L 3, 5.1.2008, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 147, 6.6.2008, p. 3.

- (a) l-organizzazzjonijiet professjonali u interprofessjonali li jir-rappreżentaw il-qasam tal-frott u l-ħxejjex friski jistgħu jippreżentaw il-programmi tagħhom lill-Istati Membri sas-16 ta' Awwissu 2011;
- (b) l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-lista provviżorja tal-programmi magħżula, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Settembru 2011;
- (c) il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru 2011, liema programmi tista' tikkofinanzja.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO